Mr. & Mrs. P. Cilia
Primula 59
Triq Guzeppi Caruana
Tal-Virtu RBT 09 Malta

# L-Arma ta' Malta

L-arma ta' Malta hija magħmula minn tarka li turi rappreżentazzjoni araldika tal-Bandiera Nazzjonali ta' Malta; fuq it-tarka hemm kuruna murali kulur id-deheb b'pusterla u tmien turretti (ħamsa biss jidhru) li tirrappreżenta l-fortifikazzjonijiet ta' Malta u tindika Belt Stat, u madwar it-tarka girlanda magħmula minn żewġ fergħat, fil-lemin tagħha hemm żebbuġa, u fuq ix-xellug tidher Palma, simboli ta' Paċi u tradizzjonalment assoċjati ma' Malta, kollha bil-kulur veru tagħhom u marbutin fit-tarf ta'isfel b'żigarella bajda fuq quddiem u ħamra fuq wara, li fuqha hemm miktub il-kliem REPUBBLIKA TA MALTA b'ittri kapitali suwed.




*L-arma ta' Malta li tinsab fil-bini tal-Parlament*

*Proklama tal-President ta' Malta fejn jidher il-Boll*






*L-inċira u l-boll tar-Repubblika ta' Malta*




Il-liġi (l-Att dwar l-Arma u s-Siġill Pubbliku ta' Malta, Kap. 253) tistabbilixxi li l-ebda persuna ma tista' tuża għal xi għan, ikun xi jkun, jew tinkorpora f'xi disinn, l-Arma ta' Malta jew xi imitazzjoni tagħha, mingħajr l-awtorità bil-miktub tal-Prim Ministru. Għal skopijiet ta' amministrazzjoni, jintużaw diversi kuluri tal-arma ta' Malta fuq dokumenti uffiċjali. Meta tintuża mill-President tkun bil-kulur normali tagħha, filwaqt li l-Prim Ministru jużaha bid-deheb jew, f'każi oħra, bħal *letterheads,* tkun bl-ikħal skur bħal ma jużaw il-Ministri. L-I*speaker* jużaha bl-aħdar. Fuq ittri u dokumenti ta' Dipartimenti tal-Gvern tintuża l-verżjoni bl-iswed u l-abjad biss.

# Malta fl-Ewropa

Mill-1 ta' Jannar 2008, Malta saret parti miż-żona tal-ewro, u l-ewro saret il-munita nazzjonali ta' Malta. Il-karti huma l-istess f'kull pajjiż li jħaddan l-ewro. Kull karta għandha kulur differenti. Min-naħa l-oħra, il-muniti għandhom wiċċ komuni għal pajjiżi kollha u l-wiċċ l-ieħor bis-simbolu nazzjonali tal-pajjiż. Id-disinn ta' naħa waħda ta' dawn il-muniti jvarja minn pajjiż għall-ieħor.

Malta wkoll għaddiet minn proċess ta' konsultazzjoni fejn iċ-ċittadini Maltin u Għawdxin intalbu jagħżlu disinn bħala s-simbolu nazzjonali Malti sabiex jidher fuq il-wiċċ ta' l-ewro. Il-flus tal-Ewro ta' Malta juru tliet disinni separati, disinn tal-altar tat-tempju tal-Imnajdra jinsab fuq il-muniti €0.01, €0.02 u €0.05, disinn ieħor huwa tal-arma ta' Malta u jinsab fuq €0.10, € 0.20 u €0.50 u disinn ieħor li juri s-salib ta' Malta li jinsab fuq il-€1.00 u €2.00. Is-selezzjoni tad-disinji tal-ewro ta' Malta kienet deċiża b'konsultazzjoni pubblika bbażata fuq żewġ fażijiet. Fl-ewwel fażi ta' konsultazzjoni l-pubbliku Malti seta' jipparteċipa fil-proċess billi jagħżel minn total ta' tnax-il għażla, maqsuma f'erba' temi – Malta fil-preistorja, Malta fir-Rinaxximent, l-identità Maltija u l-arċipelagu Malti. Tliet għażliet differenti kienu ppreżentati għal kull tema.



L-erba' disinji finalisti kienu mibgħuta lid-disinjatur Noel Galea Bason. Dan għamel l-istrutturi tal-muniti b'dawn id-disinji biex imbagħad il-poplu jivvota fuq l-aħjar tlieta u fl-aħħar isiru l-muniti ta' Malta. Fit-tieni fażi l-poplu kien mitlub jivvota għal darb'oħra. F'din it-tieni fażi l-poplu ddeċieda li l-aħjar disinji għall-ewro kienu s-salib ta' Malta, l-arma ta' Malta u l-altar tal-Imnajdra.

Il-Bank Ċentrali ta' Malta ħareġ id-disinji finali fid-19 ta' Frar 2007 u fit-23 ta' Ottubru tal-istess sena, id-disinji ġew ippubblikati fil-ġurnal uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

# Midalji u Għotjiet

Huma ħafna dawk il-Maltin li minn jeddhom, waħidhom jew flimkien ma' oħrajn, jaħdmu biex ikattru l-ġid u r-risq ġenerali jew itaffu t-tbatija ta' sħabhom Maltin u Għawdxin. Malta tirrikonoxxi l-isforzi ta' nies bħal dawn billi tagħtihom Ġieħ ir-Repubblika jew taħtarhom fl-Ordni Nazzjonali tal-Meritu, sistema li twaqqfet fl-1975 b'Att li għadda mill-Parlament u li kompla jissaħħaħ fl-1990.

Dawn l-unuri m'humiex intenzjonati biex joħolqu soċjetà elitista. Dawn ma jagħtu l-ebda privileġġ speċjali u l-ebda benefiċċju finanzjarju. Il-midalji u għotjiet huma mod simboliku kif pajjiż jirrikonoxxi pubblikament il-meritu u l-ħila taċ-ċittadini tiegħu f'oqsma differenti tal-ħajja.

Ħatriet fl-Ordni Nazzjonali tal-Meritu u fix-Xirka u l-għoti ta' midalji tar-Repubblika jsiru mill-President ta' Malta fuq il-parir bil-miktub tal-Prim Ministru. L-istrumenti tal-ħatra, l-insinji u l-midalji jiġu ppreżentati mill-President waqt ċerimonja ta' investitura li ssir kull sena fit-13 ta' Diċembru. L-ismijiet ikunu ppubblikati wkoll fil-Gazzetta tal-Gvern.

Hemm diversi gradi u midalji li jingħataw skont il-qasam li fih il-persuna jew grupp ta' persuni jkunu taw kontribut, però l-ħsieb jibqa' dejjem wieħed: li b'mod simboliku u dejjiemi l-pajjiż jirrikonoxxi pubblikament il-meritu u l-ħila taċ-ċittadini tiegħu f'oqsma differenti tal-ħajja u l-kontribut li jkunu taw lil pajjiżna.



G

LETTER HEAD

MINISTERU TAL-FINANZI

MALTA

MINISTRY OF FINANCE



*L-Ordni Nazzjonali tal-Meritu - Kumpann tal-Unur*



*L-Ordni Nazzjonali tal-Meritu - Uffiċjal*



*Xirka Ġieħ ir-Repubblika*

J

D





*Il-Qrati tal-Gustizzja jitolbu mpenn kbir minn dawk kollha li jservu fihom*

E

# Bnadar Oħrajn

### Il-Bandiera Personali tal-President

Il-Bandiera Personali tal-President ta' Malta tikkonsisti fi sfond ikħal bl-emblema ta' Malta f'nofsha u Salib ta' Malta bid-deheb fil-kantunieri. Din ġiet stabbilita bi Proklama tat-12 ta' Diċembru, 1988, li turi li din il-bandiera għandha tittajjar mill-uffiċċju u r-residenzi uffiċjali tal-President u fl-okkażjonijiet kollha fejn ikun qed jattendi l-President.




## IT-TWELID TAR-REPUBBLIKA










Kien fit-13 ta' Diċembru 1974 li Malta saret Repubblika. Għall-okkażjoni l-Posta ħarġet sett ta' tliet bolol fil-31 ta' Marzu 1975 li juru parti miċ-ċerimonja tal-ġurament li saret fil-Palazz Maġisterjali. Il-bolla taċ-1ċ3 turi lill-Prim Ministru Dom Mintoff jieħu l-ġurament fil-preżenza tal-President ta' Malta Anthony Mamo u l-President tal-Kamra tar-Rappreżentanti. Tal-5ċ turi l-bandiera nazzjonali filwaqt li tal-25ċ turi lill-President Mamo jkellem lill-poplu ta' Malta wara ċ-ċerimonja flimkien mal-Prim Ministru u l-Ministru tal-Ġustizzja u Affarijiet Parlamentari Anton Buttiġieġ.

# HIDDEN TREASURES



The Tapestry Chamber is one of the State Rooms on show to visitors in the Grand Masters' Palace in Valletta. This room was formerly the seat of Malta's Legislative Assembly. Its name derives from the magnificent set of Gobelin Tapestries which adorn its walls. Commissioned by Grand Master Ramon Perellos y Rocaful, they bear his arms and depict Amazonian scences in bright and vibrant colours.

Der Gobelinsaal ist einer der Staatsräume, die man im Großmeisterpalast in Valletta besichtigen kann. Hier tagte früher das Parlament Maltas. Benannt ist er nach der prächtigen Garnitur von Gobelins an den Wänden. Diese Wandteppiche wurden von Großmeister Ramon Perellos y Rocaful in Auftrag gegeben, dessen Wappen sie tragen, und zeigen in hellen und frischen Farben Szenen von Amazonas.







↑ The Supreme Council Hall (now the hall of St. Michael and St. George)

K